**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 2 ta' Mejju, 2016**

**Rikors nru: 150/2015 MLF**

**Joseph Lia**

**vs**

**Patrick Costigan**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tar-rikorrent Joseph Lia, konfermat bil-gurament mir-rikorrenti stess, fejn talab:

Illi permezz ta' kambjala mahruga fil-21 ta' Frar, 2007 (hawn annessa u markata Dokument "A") l-intimat ikkostitwixxa ruhu veru, cert u likwidu debitur favur l-attur versu s-somma ta' tmint elef, mija u tnejn u hamsin Euro u disgha u sebghin centezmu (€8,152.79), ekwivalenti ghas-somma ta' tliet elef u hames mitt Lira Maltin (Lm3,500).

Illi l-imsemmija kambjala mmaturat fit-22 ta' Frar, 2007 izda baqghet ma thallsitx kollha.

Illi l-intimat effettwa numru zghir ta' pagamenti, l-ahhar wiehed fis-17 ta' Marzu, 2008 izda waqaf ihallas u llum is-somma globali bl-imghaxijiet mill-imsemmija data tammonta ghas-somma ta' disat elef, tmien mija tmienja u tmenin Euro u sebgha u hamsin centezmu (€9,888.57) bilanc ghas-somma originali bl-imghaxijiet kalkolati mis-17 ta' Marzu, 2008 sallum.

Illi l-istess kambjala giet reza ezekuttiva ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' ittra ufficjali datata 7 ta' Lulju, 2010 (numru 2676/2010), liema ittra ufficjali giet debitament notifikata lill-intimat fis-27 ta' Settembru, 2010, kif jirrizulta mir-riferti (kopja tal-ittra ufficjali u r-riferti relattivi hawn annessi u markati Dokument "B").

Illi l-intimat Patrick Costigan qatt ma kkontesta jew oppona l-ezekuzzjoni tal-imsemmija kambjala skond il-ligi.

Illi l-attur ghandu interess li jezegwixxi t-titolu ezekuttiv fil-konfront tal-intimat Patrick Costigan.

Illi minkejja li l-intimat gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas is-somma shiha dovuta minnu, huwa baqa' ma hallas xejn.

Illi peress li ghaddew tliet (3) snin mid-data li fiha l-imsemmija kambjala kienet ezegwibbli, hemm htiega li ssir din it-talba ai termini tal-Artikolu 258(c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tkun tista' terga' ssir l-ezekuzzjoni tal-imsemmi titolu favur l-attur.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti tordna l-ezekuzzjoni tal-kambjala hawn fuq imsemmija li mmaturat fit-22 ta' Frar, 2007 u li giet reza ezekuttiva permezz tal-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi (numru 2676/2010), debitament notifikata lill-intimat, ai termini tal-artikolu 258 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata sebgha (7) ta' Lulju elfejn u ghaxra (2010) (numru 2676/2010), u bl-imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-hlas effettiv.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti.

Rat li l-intimat gie debitament notifikat bil-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni kontemplata fl-Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, izda dan nonostante ma deherx fis-seduta tal-20 t'April 2015 u lanqas ipprezenta risposta.

Ikkunsidrat:

Fis-seduta tal-20 ta' April 2016, Dottor Nadine Sant, l-avukat difensur tar-rikorrent, informat lill-Qorti li mill-prezentata tar-rikors promotur ma kien sar l-ebda forma ta' pagament mill-bilanc tas-somma EUR 9,888.57, bilanc ta' somma akbar li ghadha dovuta mill-intimat.

Din is-seduta kienet intiza ghal provi kollha tal-partijiet, u kif diga intqal iktar il'fuq l-intimat ma deherx u lanqas ipproduca provi.

Il-Qorti ma ghandha l-ebda raguni valida ghalfejn ghandha tiddubita mill-veracita tal-kontenut tar-rikors promotur guramentat mir-rikorrent, u mill-veracita tad-dikjarazzjoni ta' Dottor Nadine Sant, li l-intimat ma ghamel l-ebda pagament fil-mori ta' dawn il-proceduri.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tawtorizzah illi tipprocedi sabiex tezegwixxi l-kambjala ffirmata mill-intimat ammontanti ghal tmint elef mija u tnejn u hamsin Euro u wiehed u tmenin centezmu (€8,152.81) – ekwivalenti ghal tlett elef u hames mitt Lira Maltin (Lm3,500), li mmaturat fit-22 ta' Frar, 2007 u li giet reza ezekuttiva permezz tal-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi (numru 2676/2010), u dan ai termini tal-Artikolu 258 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ispejjez ta' din il-procedura u l-imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-hlas effettiv ghandhom jigu subiti mill-intimat.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**